***Ruling* mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, dwar talba mqajma mill-Onor. Robert Cutajar fis-Seduta 521 tas-17 ta' Novembru 2021 dwar l-aġenda tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

Fis-seduta 521 tas-17 ta' Novembru 2021, l-Onor. Robert Cutajar ġibed l-attenzjoni tas-Sedja, u nikkwota:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President jien xtaqt nirrapporta qabel xejn, filwaqt li se nkun nitlob *ruling* jekk jogħġbok mingħandek ukoll, li l-membri tal-Oppożizzjoni għadna kif tlaqna 'l barra mill-Kumitat Permanenti dwar Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji. Konna preżenti l-Onor. Claudio Grech, l-Onor. Kristy Debono u jien. Għamilna referenza għar-*ruling* li inti tajt f'Lulju 2021, fejn dakinhar jien kont ktibt f'isem l-Oppożizzjoni biex l-*issue* tar-rapport tal-FATF jitla' fuq l-aġenda ta' dan l-istess Kumitat, għax taqa' taħt il-mansjoni tal-istess kumitat. Sal-lum, iċ-Chairperson, l-Onor, Jean Claude Micallef baqa' ma tax kas la ta' dik il-korrespondenza u lanqas ir-*ruling* tiegħek. Però, iktar minn hekk, jien hawnhekk għandi l-aġenda li s-Sur Stephen Grech, li huwa l-uffiċjal kompetenti – b'rispett kbir lejh – tal-Parlament, li huwa s-Segretarju ta' dan l-istess Kumitat, fejn f'*email* datata meta kien annessa wkoll l-aġenda, allura 8 ta' Mejju 2020, sena u nofs ilu, dakinhar qed jgħid hekk:
>
> > "Onor. Membri ..."
>
> Hawnhekk qed jitkellem ukoll, fejn jibgħat l-aġenda, u qed jgħid ukoll:
>
> > "... maqbula li jiġu diskussi ..."
>
> Jiġifieri dan qed jgħid, f'din l-*email* li se nippreżentalek, ħalli niffaċiltalek u nagħmillek il-ħajja faċli ... Nikkwota:
>
> > "Fil-laqgħa li saret fis-26 ta' Frar ġew maqbula li jiġu diskussi dawn is-suġġetti:
> >
> > Diskussjoni dwar l-istrateġija u l-miżuri ta' implimentazzjoni sabiex Malta jkollha rappreżentanza iktar b'saħħitha fid-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea..."
>
> Kien hemm ukoll *item* ieħor li jittratta talba li għamlet l-Oppożizzjoni, u kien hemm qbil f'dan il-Kumitat li jiġi diskuss fi Frar 2020. F'sena u nofs iċ-Chairman għadu ma żammx il-kelma li ta b'approvazzjoni tal-membri kollha, u allura l-aġenda, kif jgħid ir-*ruling* tiegħek hawnhekk kienet maqbula dakinhar, fi Frar 2020, li kellha tiġi diskussa talba tal-Oppożizzjoni dwar ir-rapport tal-evalwazzjoni fuq Malta maħruġ mill-Moneyval. Dakinhar kien hemm qbil. Sal-lum, sena u nofs wara, l-Onor. Jean Claude Micallef baqa' jinsulenta l-intelliġenza tan-nies, jisfida *ruling* tiegħek, u dan l-*item* baqa' ma telax. Illum tlabnieh biex għal-laqgħa li jmiss itella' dan l-*item*. Baqa' jgħidilna li mhux f'pożizzjoni li jaċċertana. Għalhekk qed nitlob *ruling* biex lil dan il-Kumitat ma tibqax tiġi manipulata l-aġenda, u allura ma jkunx hemm tfixkil fl-aġenda, fl-interess nazzjonali għandha tiġi diskussa.
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. Għaddili d-dokumenti, ħalli narahom bil-kwiet. Imbagħad nagħti *ruling* iktar 'il quddiem."

Is-Sedja rat ukoll it-traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tas-16 ta' Novembru 2021, kif ukoll il-korrispondenza li ġiet mgħoddija lilha mill-Onor. Robert Cutajar, u li huwa kkwota minnha fit-talba tiegħu.

Is-Sedja tifhem li t-talba imqajma mill-Membri tal-Oppożizzjoni tikkonċerna fl-ewwel lok il-ftehim li kien intlaħaq fil-laqgħa tal-imsemmi Kumitat fis-26 ta' Frar 2020, fejn ġew elenkati s-suġġetti li kien hemm ftehim li jiġi diskuss fil-laqgħat sussegwenti u nikkwota mill-Minuti approvati tal-istess laqgħa:

> "Fost diversi suġġetti li ġew issuġġeriti kien hemm qbil sabiex l-ewwel tliet laqgħat tal-Kumitat ikunu dawn:
> - Rendikont tal-operat tal-Mekkaniżmu u tal-Faċilità għall-Istabilità Finanzjarja Ewropea...;
> - Diskussjoni dwar l-istrateġija u l-miżuri ta' implimentazzjoni sabiex Malta jkollha rappreżentanza aktar b'saħħitha f'direttorati ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari dak tal-Budget; u
> - Diskussjoni dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni fuq Malta maħruġ mill-Moneyval".

Is-Sedja tinnota li fid-disgħa laqgħat tal-Kumitat li nżammu minn dakinhar, is-suġġett li dwaru ntlaħaq qbil biex jiġi trattat, ċjoè 'Diskussjoni dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni fuq Malta maħruġ mill-Moneyval' għadu sal-lum ma tpoġġiex fuq l-Aġenda tal-Kumitat.

Fit-tieni lok, is-Sedja tifhem ukoll li l-Oppożizzjoni qiegħda titlob li l-istess Kumitat jiddiskuti r-rapport dwar Malta mill-Financial Action Task Force (FATF) dwar il-*greylisting* ta' Malta, liema materja diġà kienet trattata f'*ruling* tas-Sedja mogħti fis-Seduta 488 tat-13 ta' Lulju 2021. Dwar din it-talba is-Sedja kienet innotat illi - u nikkwota:

> "**SPEAKER:** ... fir-risposta li ta ċ-Chairman tal-Kumitat, fejn spjega r-raġunijiet għalfejn iħoss li dan m'għandux jiġi inkluż għad-diskussjoni quddiem dan il-Kumitat, partikolarment fejn huwa qal li:
>
> > "Kwalunkwe proċess inkluż *time-line* ta' miżuri huma kunfidenzjali bejn l-FATF u l-Gvern (pajjiż membru). Tali analiżi mhijiex għal diskrezzjoni ta' dominju pubbliku.",
>
> is-Sedja, għalkemm kien ikun aktar aħjar li ċ-Chairperson ikkonsulta mal-Membri biex jasal għal din id-deċiżjoni, qed teħodha illi d-deċiżjoni li ta ċ-Chairperson tal-Kumitat kienet waħda bbażata fuq raġuni li fiċ-ċirkostanzi huwa ħass li għalissa m'għandux jinkludiha fl-aġenda, anke jekk dan forsi ma kkonsultax mal-Membri kollha. Però kif diġà ġie deċiż, anke mill-proċedura tal-House of Commons, is-Sedja ma tistax tindaħal liċ-Chairperson għad-deċiżjoni li wasal għaliha l-Onor. Jean Claude Micallef meta huwa kiteb lill-istess Onor. Robert Cutajar fl-ittra li ntbagħtet fit-8 ta' Lulju 2021.
>
> Għaldaqstant it-talba tal-Onor. Cutajar dwar x'inhuma l-obbligi tal-istess Kumitat, l-obbligi huma ċari u joħorġu mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u mill-proċedura stabbilita, jiġifieri li s-Sedja ma tistax tindaħal liċ-Chairperson dwar it-tfassil tal-aġenda sakemm waqt il-Kumitat ma jkunx hemm talba mill-istess Kumitat lis-Sedja biex imbagħad is-Sedja tagħti direzzjoni, li fiċ-ċirkostanzi dan mhuwiex il-każ."

Fl-istess ruling is-Sedja tenniet il-pożizzjoni espressa wkoll mis-Sedja diversament preseduta li hija tal-fehma li l-Aġenda fit-totalità tagħha u għar-rigward ta' kull item *tagħha*, tibqa' materja ta' kompetenza tal-Kumitat kollu, dejjem sakemm il-materja tkun taqa' fil-mansjoni tal-istess Kumitat, u kkonludiet billi qalet li finalment għandu jkun il-Kumitat li jiddeċiedi x'jiġi diskuss. Hawnhekk is-Sedja tikkwota mir-*ruling* tal-Ispeaker Michael Frendo mogħti fis-Seduta 260 tal-11 ta' Ottubru 2010 li ġie ċitat diversi drabi f'rulings sussegwenti fosthom fir-ruling li ngħata minni fis-Seduta 488 tat-13 ta' Lulju 2021:

> "It-tielet materja li s-Sedja trid tiddeċiedi tittratta dwar jekk l-Aġenda jew xi item fuqha jistgħux jiġu kkontestati mill-membri tal-Kumitat. L-Ordnijiet Permanenti ma jindikaw xejn speċifiku dwar dan il-punt għar-rigward tal-Kumitati tal-Kamra. Minkejja li tinħareġ mill-President tal-Kumitat wara li jkun fassalha waħdu jew in konsultazzjoni mal-membri tal-Kumitat, is-Sedja hija tal-fehma li l-Aġenda fit-totalità tagħha u għar-rigward ta' kull item tagħha, tibqa' materja ta' kompetenza tal-Kumitat kollu. Allura jsegwi li xejn ma jwaqqaf lil xi membru li jikkontestaha jew li jikkonstesta xi item minnhom jew jikkontesta li jitqiegħed xi item partikolari fuq l-Aġenda li jkun qed jiġi propost, jew anki jipproponi li item jitqiegħed fuq l-Aġenda, u li wkoll jitlob vot fuq dan.
>
> Wieħed irid iżda jenfasizza li din hija materja delikata għaliex għar-rigward ta' dak li jiddiskuti l-Kumitat, f'sistema parlamentari, anki l-pożizzjoni tal-minoranza għandu jingħatalha l-valur tagħha."

Għaldaqstant is-Sedja hija tal-fehma li fir-rigward tad-diskussjoni dwar ir-rapport dwar l-evalwazzjoni fuq Malta maħruġ mill-MoneyVal, għandu jiġi rispettat il-ftehim milħuq fil-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tas-26 ta' Frar 2020.

Fir-rigward tad-diskussjoni dwar ir-rapport tal-FATF is-Sedja qiegħda, għal darb' oħra, ttenni illi l-aġenda tal-Kumitat, allura inkluż it-talba mill-Oppożizzjoni għad-diskussjoni dwar dan ir-rapport tal-FATF, għandha effettivament tibqa' kompetenza tal-Kumitat kollu. Dan ifisser li Membru għandu d-dritt li jipproponi li materja li tkun taqa' fil-mansjoni tal-Kumitat titqiegħed fuq l-Aġenda u għandu d-dritt ukoll li jitlob vot fuq tali talba.

Bħalma tagħmel dejjem is-Sedja qiegħda tissolleċita l-bonsens tal-partijiet kollha involuti.